rali mharrġin u magħrufa għall-ħila, filwaqt li La Valette u l-Kavalieri tiegħu kienu ftit fil-għadd, u s-suldati li kellhom, l-aktar Maltin, kienu bilkemm ilaħħqu wieħed għal kull erba' Torok. It-Torok kienu minn fuq u skond ir-reguli tal-gwerra huma kellhom joħorġu rebbiħin. Madankollu l-Assedju spiċċa b'rebħa kbira ta' l-Insara.

Dik ir-rebħa tal-għaġeb kienet il-frott ta' ħila u erojiżmu li bħalhom id-dinja ftit rat. Il-Kavalieri kienu valoruži, imma l-Maltin urew kuraġġ ta' ljun u ssakrifikaw kulma kellhom. Huma ma kinux imqanqlin minn xewqat ta' ġieh jew regħba, imma kienu mmexxijin minn ħsieb wieħed u minn fehma waħda: li jikkumbattu għar-rebħa tal-Fidi Nisranija u għal dik li-fehma taw ġidhom u taw ħajjithom. Sakemm il-Fidi Nisranija tibqa' ssaltan f'Malta, ir-rebħa tal-Assedju l-Kbir tibqa' mfakkra bil-għożża u bil-kburija.

KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA

TAD-DAR TAL-GĦAQDA

IR-RUZARJU — Novembru-Diċembru, 1965 — Vol. XVII Nr. 6.

Minn għand l-Editur. P. Val. Barbara, O.P, Jannar/Frar, 1966 Vol. ZXIII. Nr. 1.

DANTE ALIGHIERI — Studju Partikulari ta' Robert Mifsud Bonnici, 1965. Minn għand l-Awtur.

EPISTOLARJU ROMANTIKU — Poeżiji ta' G. Curmi. Miġjubin bil-Malti minn Ġużè Chetcuti. 1965. Minn għand it-Traduttur.

IS-SEGRIET TAL-ĠONNA — Komm. K. Vella Haber. — Minn għand l-Awtur.

THE YOUNG LISTENER — October, 1965. School Broadcasting Magazine.

BROWN BOOK — Wasland Criminals in West Germany. — Germanic Democratic Republic.

L-ISKRITTURA MQADDSA U D-''DIVINA COMMEDIA'' TA' DANTE ALIGHIERI

Ta' **LAWRENCE R. SCHIAVONE**

(*Jissokta mill-Ħarġa ta' Ġunju*, 1965)

IL-GENNA

LEJN IL-ĠMIEL U D-DAWL TAS-SEMA

Immexxi minn Beatrice, dawl u hena tiegħu, Dante jibda l-aħħar parti tal-vjaġġ tiegħu li mit-triq tat-telfien ta' ruħu sejjer iwasslu, niedem u hieni, quddiem it-tron t'Alla. Vjaġġ umanament impossibbli, li biss il-fantażija mixgħula tal-poeta u l-poeżija kbira tiegħu jistgħu jwettqu. Mhux aktar il-biża' u d-dlam ta' l-infern, mhux aktar id-dieqa u t-tnehid tal-purgatorju, imma dawl mill-iżjed qawwi, sbuhija bla qies, ħlewwa ta' melodija li ma titfisserx jilqgħu lil Dante fit-titjira poetika tiegħu fost l-erwieħ qaddisa tas-Sema. Tassew tal-għaġeb, hawnhekk, naraw il-ħolma tal-poeta li fiha jistħajlu jtir minn din'a għal oħra fejn dawn il-qaddisin qegħdin igawdu 'l Alla wara ħajja fuq din l-art mgħoddija fit-tahrig ta' għemil qaddis u marbuta għalkollox mar-rieda mqaddsa tiegħu.

F'din il-Kantika wkoll naraw kemm l-Iskrittura, bit-tagħlim u l-eżempji sbieħ tagħha, kienet fil-ħsieb ta' Dante meta ġie biex ikanta l-ġmiel u l-kobor tas-Sema; inżidu li fil-waqt li fiż-żewġ Kantiki l-oħra l-element klassiku għandu sehem sewwa u x'aktarx jilħaq, l-aktar fl-Infern, l-importanza ta' l-element kristjan, dan ta' l-aħħar jilħaq u jisboq fil-Ġenna — u hekk jixraq — kull element ieħor. Nimxu għalhekk aħna wkoll ma' Dante f'dan il-vjaġġ tiegħu; nisimgħu bħalu minn fomm Beatrice jew minn għand il-qaddisin li magħhom jitlaqa' t-tifsir tad-dottrina li waħdu ma jasalx biex jifhem, u fuq kollox naraw bħalu l-erwieħ qaddisa ta' persunaġġi kbar li bl-istorja tagħhom jimlew tant paġni mill-Kotba Mqaddsa.

Mill-quċċata tal-muntanja tal-Purgatorju Beatrice u Dante jtiru b'heffa li ma titwemminx lejn il-Qamar fejn skond il-fantażija tal-poeta jidhrulu l-erwieħ ta' dawk li mħabba l-vjolenza ta' ħaddieħor ma setgħux jaqdu dmirhom u jkomplu l-wegħda tagħhom 'l Alla, imma li r-rieda tagħhom baqgħet dejjem marbuta għal kollox mar-rieda mqaddsa Tiegħu. F'mohh Dante jidħlu xi dubji